**31 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S. - A/President**

Korporazzjoni Enemalta

*versus*

David Casha

**Preskrizzjoni - Preskrizzjoni ta' Sentejn u ta' Ħames Snin - Artikoli 2153 u 2156 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-Korporazzjoni attriċi fittxet għal flus imħallsa li allegatament mhux dovuti minnha peress li rriteniet li l-waqfien mix-xogħol ma kienx ġustifikat. L-Ewwel Qorti applikat il-preskrizzjoni ta' sentejn. Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti għaliex irriteniet illi l-preskrizzjoni hija dik kwinkwennali. Minħabba l-benefiċċju tad-*doppio esame*, il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza appellata u rrimettiet l-atti lill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

B'avviż ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Korporazzjoni attriċi talbet li l-konvenut appellat jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm295.75 rappreżentanti flus imħallsa żejda lilu mill-istess Korporazzjoni minħabba waqfien mhux ġustifikat mill-impjieg tiegħu;

Il-konvenut eċċepixxa illi t-talba attriċi hija preskritta a bażi ta' l-artikolu 43 tal-Kap. 135 u l-artikolu 2154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

B'sentenza tat-3 ta' Marzu ta' l-1997, il-Qorti hija preskritta a bażi ta' l-artikolu 2153 ta' l-istess Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li "l-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn";

Il-Korporazzjoni ħasset ruħha aggravata minn dik is-sentenza u nterponiet appella minnha quddiem din il-Qorti fuq l-aggravji segwenti:

*Il-Korporazzjoni attriċi qiegħda titlob li l-konvenut iħallas lura flus żejda mogħtija lilu wara l-waqfien mill-impjieg tiegħu ma' l-istess Korporazzjoni. Mhuwiex ikkontestat li l-konvenut appellat kien xi darba impjegat b'kuntratt ta' impjieg ma' l-esponenti.* Għalhekk it-talba attriċi hija bbażata fuq inadempjenza ta' obbligu kuntrattwali da parti tal-konvenut appellat;

Illi għalhekk it-talba attriċi mhijiex dik ta' danni fis-sens wiesa' tal-kelma kif ikkunsidrat l-Ewwel Onorabbli Qorti. It-talba hija għal risarċiment ta' flus imħallsa żejda fuq kuntratt ta' impjieg, liema flus ġew dovuti minħabba n-nuqqas da parti tal-konvenut appellat illi minn jeddu deherlu li ma kellux għalfejn jistenna illi jieħu permess mis-superjuri tiegħu biex jieħu *long leave*;

Huwa prinċipju kardinali tal-liġi ċivili li l-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli fejn għandhom x'jaqsmu obbligi kuntrattwali huwa dak ta' ħames snin taħt l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 12);

Ghalhekk, fil-każ in eżami, l-attur appellat jissottometti bir-rispett illi l-perijodu preskrittiv huwa proprju dak ta' hames snin u allura t-terminu prefiss mil-liġi f'dan il-każ ghadu m'ghaddiex;

Ghaldaqstant l-appellant talab li din l-Onorabbli Qorti joghġobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-3 ta' Marzu, 1997 fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tiċhad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kif issollevata u deċiża, u tirrimetti l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex l-istess kawża tiġi ttrattata u deċiża skond il-liġi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat";

L-appellat wieġeb hekk:

Illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) timmerita li tiġi kkonfermata u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiċhad l-appell tal-Korporazzjoni attriċi bl-ispejjeż u dan kemm ghar-raġunijiet moghtija fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti kif ukoll ghar-raġunijiet segwenti:

Illi l-appell tal-Korporazzjoni attriċi mhuwiex ibbażat fuq il-kawżali fit-talba fl-avviż fejn kienet talbet is-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin ċenteżmu (Lm295.75,0) rappreżentanti *notice money*, u billi issa fl-istadju ta' l-appell il-Korporazzjoni attriċi qed tibbaża t-talba ghall-flus żejda allegatament moghtija lilu;

Illi ġustament l-Ewwel Qorti ddefiniet it-talba ta' *notice money* bhala li hi koperta mill-artikolu 2153 tal-Kap. 16 stante li din it-talba ta' *notice money* tfisser effettivament hsarat jew danni subiti mill-Korporazzjoni attriċi bhala riżultat ta' l-aġir tal-konvenut;

Illi ġustament bħala konsegwenza tal-premess l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat l-azzjoni attriċi kif dedotta oriġinarjament fl-avviż bħala preskritta;

Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-appell tal-Korporazzjoni attriċi u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-3 ta' Marzu, 1997 bl-ispejjeż kontra tagħha;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

L-aggravju ewlieni meritu ta' l-odjern appell intavolat mill-intimat *nomine* huwa wieħed prettament legali. Jirriżulta fil-fatt paċifiku li l-appellat kien għamel żmien impjegat mal-Korporazzjoni EneMalta u li b'deċiżjoni unilaterali tiegħu ddeċida li jieħu *unpaid leave* - liema deċiżjoni fformulata minnu in iskritt u mressqa u mibgħuta b'ittra lill-Korporazzjoni baqgħet ma ġietx aċċettata. Hu paċifiku ukoll li l-impjieg ta' l-appellat kien kopert b'*collective agreement* li fost diversi klawsoli jikkontempla li assenza mix-xogħol inġustifikata eċċedenti għaxart (10) ijiem konsekuttivi tista' twassal għat-tkeċċija ta' l-impjegat ikkonċernat mill-impjieg tiegħu. Effettivament hekk ġara, għaliex b'ittra ddatata t-28 ta' Mejju, 1993 (fol. 18) l-appellat ġie mgħarraf li kien ġie sospiż u b'ittra sussegwenti ddatata t-23 ta' Ġunju, 1993, ġie infurmat li kien ġie mkeċċi mill-impjieg b'effett mit-23 ta' Mejju, 1993. Għall-kompletezza tal-fatti jirriżulta inoltre illi l-appellat beda jaħdem b'kuntratt għal żmien indefinit fil-25 ta' Settembru, 1989. Il-konvenut xehed li "għall-ħabta ta' nofs Frar, 1993" huwa kien applika biex jieħu sitt xhur *unpaid leave* peress li kellu f'moħħu li jiftaħ ristorant (fol. 11). Jgħid imbagħad li "wara ħafna" (*sic*) kien irċeva avviż ta' sospensjoni. Il-provi juru li kollox seħħ

f'medd ta' ħames (5) xhur u mhux kif ta x'jifhem l-appellat fix-xhieda tiegħu;

L-Ewwel Qorti ġustament irrilevat li l-appellat waqaf milli jmur jaħdem "minn rajh". Din il-Qorti hekk ukoll jidhrilha għaliex dan saħansitra joħroġ b'mod lampanti mid-deposizzjoni stess ta' l-appellat konvenut u ċjoè (fol. 11, it-tielet paragrafu) *meta jgħid li:*

"ma kellix risposta ta' din l-applikazzjoni u qbadt u ma mortx għax-xogħol";

Madanakollu l-Ewwel Qorti rriteniet li t-talba għall-ħlas ta' *notice money* ibbażata fuq il-Ftehim Kollettiv milħuq u miftiehem bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-impjegati tagħha kienet preskrivibbli bid-dekors tal-perijodu ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) billi l-Ewwel Qorti qieset li l-kelma "ħsarat" għandha tifsira usa minn ħsarat materjali "b'mod aktar ġeneriku <u>sakemm ma jaqgħux speċifikament taħt preskrizzjoni oħra skond il-liġi</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). Huwa proprju minħabba din l-aħħar kondizzjoni jew proviso li din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu dovut, kienet żbaljata fil-konklużjoni minnha raġġunta. Huwa veru li bit-tluq mix-xogħol inġustifikat da parti ta' l-appellat, l-attur *nomine* sofra danni, imma meta tali eventwalità kienet koperta u formanti parti integrali minn obbligazzjoni kontrattwali *ad hoc* allura għandu jsegwi illi l-preskrizzjoni talvolta applikabbli hija dik itwal, ċjoè dik kwinkwennali a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16). L-impjieg ġie tterminat fit-23 ta' Mejju, 1993 u l-avviż ġie ppreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati fit-13 ta' Jannar, 1997 - apparti li saret referenza għall-ittra uffiċjali spedita fil-15 ta' Marzu, 1995. Hu x'inhu, il-kawża ġiet introdotta entro ħames snin u għalhekk it-talba kif dedotta ma

tirriżultax li kienet preskritta kif ġie eċċepit;

Dwar il-meritu proprju tal-vertenza l-Ewwel Qorti baqgħet ma ppronunzjatx ruħha u konsegwentement ikun opportun li l-atti jiġu rrinvijati quddiemha biex ikun hemm deċiżjoni dwaru skond il-liġi u b'hekk ma tinqabiżx il-possibbilità tad-*doppio esame*. Mill-bqija l-appell dwar l-ewwel eċċezzjoni huwa fondat u jimmerita li jiġi milqugħ;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi, filwaqt li tirrevoka s-sentenza appellata surreferita mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-3 ta' Marzu, 1997, billi tilqa' l-appell ta' l-attur *nomine*, tordna li l-atti jiġu rinvijati quddiem l-Ewwel Qorti a kariku tar-Reġistratur sabiex din tkun tista' tiddeċidi dwar il-bqija tal-vertenza kif fuq intqal, b'dana li l-ispejjeż ġudizzjarji taż-żewġ istanzi jkunu a kariku tal-konvenut appellat.